MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 386/2004

Kawza fil-lista: 46

**Advocate A B bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' C D assenti minn Malta**
**vs**
**E D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri F D**

**Il-Qorti,**

Peress li fit-tlettax (13) ta' Dicembru elfejn u wiehed (2001) twieldet lill-konvenuta E D, nee' Calleja tarbija ta' sess femminili li ggib l-isem F;

Peress illi din it-tarbija giet registrata erronjament fir-Registru Pubbliku b' att tat-twelid numru erba' mija u

dsatax tas-sena elfejn u tnejn (419/2002) bhala bint l-attur, hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid, mmarkat bhala Dok. A;

Peress illi l-attur u l-konvenuta E D hallew z-zwieg taghhom permezz ta' divorzju li gie registrat fil-Germanja fil-21 ta' Gunju 2002 fis-City of Osterholz-Scharmbeck's Inferior Court, hekk kif jirrizulta mid-dokment anness u mmarkat bhala Dok B;

Peress illi dan id-divorzju kien gie registrat a bazi tal-fatt illi l-istess konvenuta u l-attur kienu separati minn xulxin ghall-aktar minn tlett snin, ghaldaqstant l-attur ma jistax ikun missier it-tarbija;

Peress illi tul dan il-perjodu huwa kien jghix fil-Germanja u jivvjagga kontinwament lejn il-Bangladesh u kienet tghix Malta.

Peress illi l-attur li huwa kien gie Malta ghal btala fl-ahhar ta' Mejju 2004 u hemm sar jaf li l-konvenuta kellha;

Peress illi l-konvenuta E D ammettiet illi l-imsemmi tarbija ma kienetx il-wild naturali tal-attur izda ta' ragel iehor, tant li accettat li jsiru t-testijiet u verifiki genetici u xjentifici li kopja taghhom huma mmarkati bhala Dok. C;

Ghalhekk jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Previa okkorrendo bl-opera ta' periti teknici u okkorrendo ukoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16, illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-periti teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri F mhux il-wild naturali tal-attur C D b' mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twlied tal-imsemmi minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri F, b' mod illi r-rizultanti tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikati

ta’ twelid billi, inter alia, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur C D u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova illi qed jintavola din l-azzjoni ta’ denegata paternita’ ai termini tal-paragrafu (b) jew (c) ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-attur ghandu jispecifika fit-talbiet tieghu jekk qed jitlob illi taht il-kolonna li taghti d-dettalji dwar il-missier tat-tarbija hux qed jitlob li jitnizzlu il-kliem ‘missier mhux maghruf’ jew id-dettalji ta’ l-allegat missier naturali jekk dan huwa maghruf.

4. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar id-dettalji ta’ l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

Illi qabel xejn l-attur noe jehtieg jipprova l-mandat tieghu;

Illi bid-Dok B u C ma jissodisfax il-vot tal-ligi, dwar id-Dok B billi jehtieg li jkun esibit l-original – mahrug mill-Qorti kompetenti – li tieghu d-dokument esibit huwa t-traduzzjoni u dwar id-Dok C billi ghandu jkun esibit l-original billi huwa l-fulkru tal-kawza;

Illi fi kwalunkwe kaz huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet 'l quddiem.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta E D li biha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel u tikkonferma li l-attur mhux il-missier naturali ta' bintha minuri F li twieldet fit-13 ta' Dicembru, 2001, f' Malta;

2. Illi l-eccipjenti taqbel li ghandu jkun hemm dawk il-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri F li jgib in-numru: 419/2003 li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi li jirriflettu l-fatti mressqa quddiema;

3. Illi l-eccipjenti tixtieq illi fuq l-istess att ta' twelid jidhru l-kliem "taht il-kolonna ta' isem il-missier jidhru l-kliem "unnamed" minflok "unknown".

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li t-tifla F, li twieldet fit-13 ta' Dicembru 2001 mill-konvenuta E D, mhijex il-wild naturali

tieghu, u ghalhekk qed jitlob id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri, bin-numru 419/2002.

Mill-provi jirrizulta li l-attur, li hu ta’ nazzjonalita’ Germaniza, u l-konvenuta, li hi ta’ nazzjonalita’ Maltija, konjugi D izzewgu fil-5 ta’ Gunju 1990; u fil-21 ta’ Gunju 2002 ottjenew id-divorzju minn qorti Germaniza, wara li kienu ilhom separati de facto ghal izjed minn tlett snin li matulhom l-attur kien jghix il-Germanja filwaqt li l-konvenuta kienet tghix Malta. Matul dan il-perijodu ta’ tlett snin ta’ firda de facto bejn il-konjugi, il-konvenuta E D weldet it-tarbija F fit-13 ta’ Dicembru 2001 li giet registrata bl-attur bhala missierha stante li f’ dak iz-zmien legalment kienet ghadha mizzewga lill-attur.

Illi l-premess jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet. Fl-affidavits taghhom il-partijiet ikkonfermaw li huma kienu sseparaw de facto f’ Lulju 1995 u minn dak iz-zmien ma kellhomx aktar relazzjonijiet intimi bejniethom. Ghalhekk hemm qbil bejn il-partijiet li t-tifla F mhijex il-wild naturali ta’ l-attur. Jirrizulta wkoll li l-attur kien assenti meta twieldet F f’ Dicembru 2001 u meta gie lura Malta fl-ahhar ta’ Mejju 2004 il-konvenuta nformatu li t-tarbija kienet registrata fuq ismu. Konsegwenzjalment huwa istitwixxa l-proceduri odjerni fil-11 ta’ Novembru 2004.

Illi rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna tal-partijiet u tat-tifla F jikkonferma t-tesi ta’ l-attur li t-tifla mhijex il-wild naturali tieghu; u ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-Direttur konvenut, jigi osservat li l-attur jissodisfa l-vot ta’ l-Artikolu 73 u senjatament il-paragrafu [b], stante li mill-provi rrizulta li fid-data tat-twelid tat-tarbija l-attur kien assenti minn Malta u kien irritorna Malta fl-ahhar ta’ Mejju 2004 fejn sar jaf li t-tifla kienet registrata fuq ismu, u l-proceduri odjerni gew istitwiti fil-11 ta’ Novembru 2004 – u ghalhekk fit-terminu tas-sitt xhur stipulat fl-Artikolu precitat. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija nfondata.

Illi rigward l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, jigi osservat li l-punt hemm ssollevati, gew sorvolati bid-dokumenti rikjesti.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni, jew ahjar talba, ta' l-attur li fl-att tat-twelid taht il-kolonna ta' l-isem il-missier titnizzel il-kelma "unnamed" minflok "unknown", il-Qorti tosserva li tali talba ssib ostakolu legali fit-termini ta' l-Artikolu 279[3] tal-Kap.16.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri F, li t-twelid taghha huwa registrat bic-certifikat numru 419/2002, mhijiex it-tifla naturali ta' l-attur;

U tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-imsemmi Att tat-twelid billi minn fuqu jitnehha l-isem u l-konnotati ta' l-attur C D, u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta E D.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------